# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 9 t' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Samuel Herd**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Samuel Herd detentur tal-karta ta' l-identita' numru 453259(M).

Billi int akkuzat talli bejn Jannar u Settembru 2014 f' Rahal Gdid u / jew f' partijiet ohra f' dawn il-gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet

differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz f' xi dokument bi hsara tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u / jew tal-Gvern ta' Malta u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilek in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qligh, kiteb fuqha xi haga ta' hsara ghal Facilita Korrettiva ta' Kordin u / jew tal-Gvern ta' Malta u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra, jew, bl-istess hsieb, zied fuq karta mhix in bjank, fdata lilek, xi kitba jew klawsola;

3. u aktar talli b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u / jew tal-Gvern ta' Malta u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

4. u aktar talli ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000), bi hsara tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u / jew tal-Gvern ta' Malta u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta ma' Samuel Herd bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li huwa kellu jissorvelja biex jara li dan ir-reat ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi a tenur ta' l-Artikolu 141 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat in-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Mejju, 2015 (esebita a fol. 56 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 188(1)(2), 18 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 297 u 18  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 190 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2015 irregistra ammissjoni ghall-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta' Gunju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat kien impjegat fl-Accounts Section tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Lejn l-ahhar tas-sena 2014 l-Pulizija Ezekuttiva gew infurmati minn Simon Buttigieg il-Kap Ezekuttiv tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li bejn Jannar u Settembru 2014 (ara dokumenti nseriti a fol 18 et sequitur tal-atti processwali) l-imputat kien qed jillogja overtime li effettivament ma kienx qed jahdem. L-imputat li kien inkarigat milli jimla' l-overtime sheet u jiffirmaha flimkien mal-Kap Ezekuttiv kien qed jindika li qed jahdem sighat ta' overtime li ma kienx qed jahdem u huwa kien qed jithallas ta' dan l-overtime. L-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ndunaw b' dan kollu ghaliex l-imputat indika li kien hadem overtime fil-15 t' Awwissu, 2015 meta hadd mis-Civilian Staff ma kien hadem f' dik id-data. Wara li saru l-verifiki relattivi gie kkonstatat li l-imputat kien thallas b' kollox l-ammont ta' €1550 bhala overtime u li ma kienx intitolat ghaliex ma hadmux. Meta l-imputat gie nterrogat mill-Pulizija fis-6

ta' Dicembru, 2014[1] huwa ammetta mal-ewwel li kien nizzel li hadem hinijiet ta' overtime li effettivament ma kienx ghamel izda preciza li kien jiehu x-xoghol id-dar u l-hinijiet kienu jirriflettu dawn is-sighat ukoll. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-imputat nizzel 111 siegha zejda u thallas bir-rata ta' €14 is-siegha ghalihom. Huwa fil-fatt ftit wara li nbdew il-proceduri odjerni hallas lura dan l-ammont fl-intier tieghu.

Ikkunsidrat

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Mejju, 2015 l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat ghar-reati ta' dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita pubblika kontemplat fl-Artikolu 188(1) u (2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghar-reat ta' abbuz ta' karta in bjank jew xort' ohra kontemplat fl-Artikolu 297 tal-Kodici Kriminali u r-reati ta' truffa jew frodi nnominata kontemplat fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Kif diga' ntqal aktar 'il fuq l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel, ghat-tielet u ghar-raba mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat effettivament huwa hati mhux biss tal-imputazzjonijiet minnu ammessi izda anki tat-tieni mputazzjoni u cioe' tar-reat ta' abboz ta' karta in bjank

[1] Vide Stqarrija a fol 36 sa 38

jew xort' ohra kontemplat fl-Artikolu 297 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu fil-fatt jipprovdi hekk:

> Kull min billi jagħmel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, jikteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb, iżid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.

Fil-kaz odjern l-imputat li kien impjegat pubbliku fl-Accounts Section tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin kien ikollu l-karti ghall-hlas tal-overtime li kienu qed jigu fdati lilu bhala mpjegat fl-Accounts Section u kien sabiex jaghmel qliegh jikteb fuqha sighat ta' overtime li ma kienx qed jahdem u dan meta dawn il-karti kienu jkunu ffirmati mill-Kap Ezekuttiv tas-CCF u kontro firmati minnu. Il-Qorti izda jidrilha li din l-imputazzjoni tista' titqies bhala assorbita fl-imputazzjonijiet l-ohra li ghalihom l-imputat irregistra ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza waqt it-Trattazzjoni finali sostniet li m' ghandiex tizdied il-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa mal-piena li ghandha tinghata lill-imputat. Il-Qorti izda tirrileva li l-Artikolu 190 tal-Kodici Kriminali debitament indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju jaghmilha cara li l-interdizzjoni generali ghandha tizdied mal-piena applikabbli ghad-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici u fil-kaz odjern gie pruvat li l-imputat kien impjegat pubbliku u huwa

qed jinstab hati tar-reat ta' dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita' pubblika li huwa wiehed mid-delitti nkluzi fis-subtitolu IV tat-Titolu V tal-Kodici Kriminali liema subtitolu huwa ntitolat 'Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi Ohra Pubblici jew Privati' u li ghalhekk jinkludi d-delitti kollha ta' falsifikazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-gravita tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati izda wkoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri ghal tlieta minn erba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u l-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni u hallas lura l-ammont kollu involut immedjatament wara li gew intavolati l-proceduri odjerni. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Artikolu 190 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Mejju, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 188(1) u (2), 297, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum u b' applikazzjoni tal-Art. 190 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu.

Il-Qorti tordna n-notifika tas-Sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex issir d-debita pubblikazzjoni tas-

sentenza u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**MAGISTRAT**